# AVVIŻI

- Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
  Il-Ħadd 5 u 19 ta' Ottubru 2014 fil-5.00p.m.
  Il-Ħadd 2 u 16 ta' Novembru 2014 fit-3.30p.m.
  Il-Ħadd 7 u 21 ta' Dicembru 2014 fit-3.00pm
  Il-Ħadd 4 u 18 ta' Jannar 2015 fit-3.00p.m.
- Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
- Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.
- Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
- Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
- L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org
- Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u YouTube: Guza Mifsud

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 100 Ottubru 2014 JITQASSAM BLA ĦLAS




***Abbozz tal-Plakka "Triq Ġuża Mifsud 1923-1996"***

## TRIQ ĠUŻA MIFSUD FIS-SIĠĠIEWI

Rikonoxximent ċivili għall-fundatriċi tagħna Ġuża Mifsud. Kien ta' pjaċir kbir għalija meta sirt naf li fuq il-Gazzetta tal-Gvern li ġġib id-data tas-17 ta' Ġunju 2014 ġie mħabbar li Triq Ġdida fi Triq Nicolo' Baldacchino fis-Siġġiewi ser tissemma Triq Ġuża Mifsud 1923-1996.

Tajjeb jingħad li fis-Seduta Nru. 216 tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li kienet saret fil-15 ta' Frar 2010 kienet tressqet mozzjoni minn Dr. Karol Aquilina (li dak iż-żmien kien Viċi Sindku) u minn Joe Sammut (Kunsillier) li kienet tgħid hekk:

"Billi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali jipprovdi li l-Kunsill Lokali għandu jieħu sehem sħiħ f'kull deċiżjoni dwar l-għoti ta' ismijiet lit-toroq;

"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi ġie mitlub jissottometti ismijiet għal numru ta' toroq ġodda fil-lokalita tas-Siġġiewi;

"U billi matul ħajjitha Ġuża Mifsud dejjem ħeġġet lil kulħadd biex

jitlob u jaħdem għall-paċi, jikkundanna fost oħrajn il-mibgħeda, l-abort u d-diżonesta.

"U billi l-ħidma ta' Ġuża Mifsud u tal-Moviment li hija waqqfet għamlu mill-Girgenti post ta' ġabra u devozzjoni lejn il-Madonna għal eluf ta' Maltin u Għawdxin li jżuruh matul is-sena;

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi, imlaqqa' illum il-Ħamis 11 ta' Frar 2010, "Jirriżolvi li jissottometti talba lill-awtoritajiet kompetenti sabiex waħda mit-toroq il-ġodda fis-Siġġiewi tingħata l-isem ta' Ġuża Mifsud. Il-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu."

Għalhekk f'isem il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni u f'isem il-membri u d-devoti kollha tal-Madonna, jiena nirringrazzja lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, lill-awtoritajiet kompetenti kif ukoll lil dawk kollha li kienu nvoluti sabiex din it-talba ġiet milqugħa.

**Sylvana Spiteri LL.D, Segretarja**

## IL-MITT ĦARĠA TA' DAN IL-FULJETT

Wasalna fil-mitt ħarġa ta' dan il-fuljett. Kien bis-saħħa ta' Bro. Victor Privitera li dan il-fuljett kellu l-bidu tiegħu. Kien iħoss li dan il-Moviment għandu jkollu l-leħen tiegħu sabiex kemm il-membri kif ukoll il-poplu Malti u Għawdxi jinżamm infurmat b'dak li jkun qed jiġri. Il-Kumitat ħatru bħala Editur u l-ewwel ħarġa ġiet pubblikata f'April 1990. Bro. Victor żamm din il-kariga sas-sena elfejn, fejn imbagħad din ir-responsabilta għaddiet għandi.

Magħkom qsamna ħafna informazzjoni dwar Ġuża Mifsud, it-tagħlim tagħha, esperjenzi ta' persuni li qalgħu diversi grazzji kemm tar-ruħ u kemm tal-ġisem u ħafna tagħrif ieħor. Inħares il quddiem lejn il-mitt ħarġa li jmiss sabiex flimkien inkomplu nfaħħru lil Alla permezz ta' Ommu Marija Santissima taħt it-titoli tal-Konsagrazzjoni u tal-Girgenti u tal-maħbuba fundatriċi Ġuża Mifsud.

## FUQ IL-PASSI TAL-OMM

"Fuq il-Passi tal-Omm" kienet attivita marjana organizzata mis-Soċjeta tal-Mużew tas-Siġġiewi fit-8 ta' April 2014 fil-Girgenti. Fl-ewwel parti ta' din l-attivita intwera feature li kien proprju jismu "Fuq il-Passi tal-Omm". Dan il-feature ittratta l-ħajja ta' Marija, mudell għal kull min irid ikun veru dixxiplu ta' Ġesu.



**Siltiet mill-feature:**

"Fil-bidu Alla tefa' ħarstu fuq id-dinja, l-imħabba bla tarf tiegħu tidher fis-smewwiet u fl-art, fl-ibħra, fix-xemx u fil-qamar u f'kull ħlejqa maħluqa. U fl-aħħar Alla nefaħ f'nifsejn il-bniedem nifs il-ħajja, maħluq fuq ix-xbieha tiegħu, berikom u ra li kullma għamel kien tajjeb wisq, Alla poġġa lil bniedem fil-liberta u ħakkiem tal-art. Madanakollu naqraw li mill-ewwel mumenti tal-eżistenza tiegħu, il-bniedem, b'deċiżjoni libera warrab lil Alla minn ħajtu għax għaraf li jekk jitbiegħed minn Alla ikun aktar liberu, imma l-bniedem kien ingannat. Alla jisħet lix-xitan u jqajjem mibgħeda bejnu u bejn il-mara, bejn nislu u bejn nisielha. Kellhom jgħaddu s-snin u isem Eva kellu jinbidel u jsir Ave, l-Ave Maria ta' Nażaret, Omm il-bnedmin kollha.

Mal-milja taż-żmien l-anġlu tad-dawl jistieden lix-xebba bla tebgħa biex... hija ssir l-Omm Alla. Marija ta' Nażaret aċċettat... Kien f'dan il-mument tat-tnissil tal-Iben t'Alla li l-umanita' ta' Marija tatu idejħ u saqajh, għajnejh u widnejh u ġisem teneru li bih kellu jbati...

Marija turina l-imħabba li kellha lejn Alla f'kull sitwazzjoni li ltaqgħet magħha, dejjem poġġiet lil Alla fl-ewwel post fid-deċizjonijiet tagħha. Fit-twelid ta' binha Ġesu Marija emmnet dak li ntqalilha permezz tal-rgħajja...

Fit-telfa ta' binha Ġesu, f'dawk it-tliet ijiem Marija saret taf dwar l-effett tad-dnub li tgħix mingħajr Alla. Għalkemm Marija kienet mingħajr dnub, imma hija xorta għaddiet minn mumenti ta' biża, ta' solitudini, ta' firda minn binha, ta' dlam li kull midneb jesperjenza meta jinfired minn Alla. Dawn it-tliet ijiem li tilfet lil binha Ġesu fit-tempju kienu preparazzjoni għal tlett ijiem oħra, mill-Ġimgħa l-Kbira sal-Għid...

Marija, Ġużeppi u binhom Ġesu kienu jgħixu ħajja sempliċi bħal tan-nies l-oħra. Il-familja umana kellha l-prova tagħha ukoll għax kemm Marija, Ġużeppi u Ġesu, bin il-bniedem, għixu f'din id-dinja ħajja tassew umana u kienu jaqilgħu x'jieklu mix-xogħol tal-injam li anka Ġesu kien trawwem fih tant li ntqal dwaru, "Dan m'huwiex bin il-mastrudaxxa? Ommu m'ijiex dik li jisimha Marija?"

Meta fit-tieġ ta' Kana l-inbid spiċċa ninnottaw li Marija kienet attenta għall-mistiednin aktar mill-bestman. Marija titlob lil binha Ġesu fi spirtu perfett ta' talb u b'fiduċja fil-ħniena tiegħu tgħidlu, "Ma għandhomx inbid." Din ma kinitx talba personali, Marija kienet diġa medjatur għal dawk kollha li kienu jfittxu l-ferħ, hija qatt ma kienet spettatur biss imma f'kull sitwazzjoni involvit ruħha fil-bżonnijiet tal-oħrajn. L-omm użat il-pożizzjoni speċjali tagħha bħala omm fuq binha, qawwa li kellha tkun reċiprokata.

Marija ...hija l-mara tar-redenzjoni li flimkien ma' binha Ġesu, Adam

il-ġdid, Marija saret l-Eva il-ġdida. Il-bnedmin kollha kienu rappreżentati fi Ġwanni u Marija saret omm il-bnedmin kollha. Dan huwa t-teżor il-kbir li ħallielna Ġesu, lil Ommu bħala Omm tagħna.

Marija hija l-Eva l-ġdida, il-persuna idejali, l-omm ta' Israel il-ġdid, il-mudell ta' kulmin irid ikun dixxiplu veru ta' Ġesu Kristu. Id-devozzjoni lejn Marija għandha tilħaq il-għan tagħha billi nwettqu dak kollu li Ġesu jitlob mid-dixxipli tiegħu, li nagħmlu r-rieda t'Alla b'imħabba u b'disponibilta. Bħal Marija noffru ħajjitna għal Alla bil-ferħ u t-tbatijiet kollha li dan l-impenn iġib miegħu. Dan kollu jwassal biex bħal Marija ngħixu u ngawdu l-preżenza t'Alla tul ħajjitna kollha u meta nidhru quddiem il-Mulej nisimgħu il-kliem ħiereġ minn fommu, "Tajjeb qaddej tajjeb u fidil, idħol fil-ferħ ta' Sidek."

## ESPERJENZA TA' MARIO AQUILINA

Quddiem il-ġemgħa miġbura Mario irrakkonta illi fl-1986 meta kien qed jistudja għal nurse kien ukoll jaħdem ma' kuntrattur jarmaw it-toroq u l-knejjes għall-festi. Fil-5 ta' Awwissu 1987 waqt il-laqgħa ta' talb fil-Girgenti Ġuża qalet, "NgĦidu tliet Ave Marijiet għax il-Madonna se tagħti grazzja kbira llum!" X'kienet din il-grazzja ma qalitx.

Dakinhar Mario kien qed jarma l-koppla tal-knisja tal-Gudja, "ppreparajt biex ninżel u kif tfajt sieqi għal fuq is-sellum, iċ-ċinta faqqgħet u jiena waqajt għal fuq il-koppla, ħbatt maċ-ċinta tal-koppla u bqajt nieżel għal fuq il-bejt tal-knisja."

Dak il-ħin kienu qed igorru l-istatwa tal-Madonna mill-Oratorju għall-Knisja fi proċessjoni u għalhekk, in-nies li kienu fit-triq rawh jaqa'. Fost in-niesw kien hemm it-Tabib Zammit li meta nduna b'dak li ġara qabad jgħajjat biex lil Mario ma jmissuhx. Tela' jiġri fuq il-knisja u faraġ lil Mario li kien mitluf minn sensih, għax kieku, żgur li kien imut.

Mario ġie meħud l-isptar prattikament mejjet u tqiegħed fl-I.T.U. fejn għadda xahar u għaxart ijiem.

Sadanittant, l-għada filgħodu, 6 ta' Awissu, il-mara li kienet tgħin lil Ġuża, semgħet bl-inċident u staqsiet lil Ġuża jekk kinitx taf bih. Din qaltilha li kienet ratu nieżel u jaħbat rasu tliet darbiet.

L-"X-Ray" wera li Mario, minbarra ksur fil-pelvis, kellu tliet fratturi f'rasu. Mario ma kienx jingħaraf. Skond missieru, kien iswed u rasu kibret daqs ballun. Wieħed mill-professuri qal lill-missier u omm Mario, li kien hemm biss wieħed fil-mija ċans li jibqa' ħaj. Min kellu jieħu ħsieb ras Mario, wara għoxrin ġurnata li Mario kien ilu l-isptar, staqsa lill-ġenituri ta' dan jekk kinux hemm biex jippreparaw il-funeral, "għax l-agħar kien għadu ġej!"



Biex jitimgħu lill-pazjent għamlulu toqba fi grieżmu u minnha għaddew pajp għall-istonku. Mario jgħid li għalkemm il-ġenituri kienu joqogħdu miegħu matul il-ġurnata imma hu ma kien jaf xejn għax kien mitluf minn sensih. Jgħid, "Kont nara biss nurse il-ħin kollu miegħi, tkellimni u nkellimha. Hija kienet tistaqsini jekk irridx ngħix." Wara l-I.T.U. Mario dam ħmistax oħra l-isptar u kien sar għadma u ġilda, bla saħħa u bla memorja, nesa l-imgħoddi tiegħu.

Meta kien mhux ħażin, Pawla, omm Mario, ħaditu għand Ġuża. Appena daħlu ġewwa, Mario lemaħ l-inkwadru tal-Madonna u staqsa ta' min kien dak ir-ritratt. Ried jaf min kienet dik il-mara għax l-isptar kienet iżżommlu rasu u ddur mas-sodda tiegħu! Mario ma kienx jiftakar minn xiex kien għadda meta kien l-isptar imma tenna kemm-il darba, "Kemm nixtieq nerġa' naraha, imqar bħala nurse!"

Wara esperjenza hekk qawwija marbuta mal-Madonna taħt it-titlu tal-Konsagrazzjoni u ma' Ġuża Mifsud il-laqgħa kompliet b'diversi innijiet u għalqet b'adorazzjoni Ewkaristika mmexxija mill-Kanonku Joseph Grech, Arċipriet tas-Siġġiewi.

**Sylvana Spiteri LL.D**

## L-EWWEL TARBIJA PREŻENTATA FIL-GIRGENTI ISSIR SAĊERDOT

Nifirħu lil Patri Christian Anthony M. Borg OFM Conv. li fl-1 ta' Lulju 2014 ġie ordnat presbiteru minn Mons. Arċisqof fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Huwa kkonċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġwann fit-3 ta' Lulju 2014. Kif jixhed it-titlu Patri Christian kien l-ewwel tarbija li ġiet preżentata lill-Madonna fil-Girgenti. Hemm ġrajja li ssaħħrek marbuta mal-ġenituri tiegħu u mat-twelid tiegħu. Din il-ġrajja kienet ġiet pubblikata fil-fuljett Leħen il-Girgenti Nru. 90 pubblikat f'April 2012. Min jixtieq jaqraha jista' jidħol fil-website www.ourladyofconsecration.org u jagħfas fuq il-link Leħen il-Girgenti.

## PREŻENTAZZJONI TA' TFAL U TRABI LILL-MADONNA

Ġenituri li jixtiequ jippreżentaw lit-trabi jew lit-tfal taghhom (li jkun ghadhom ma' ghamlux il-Preċett) lill-Madonna huma mitluba jkellmu xi membru tal-Kumitat jew jibghatu email fuq ourladyofconsecration@gmail.com jew messaġġ fuq Facebook Madonna tal Konsagrazzjoni.

## L-ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' ĠUŻA MIFSUD

**Fl-okkażżjoni tat-tmintax-il anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud, ser tiġi ċelebrata quddiesa għar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi it-Tlieta 28 ta' Ottubru 2014 fis-6.30p.m. Nappella sabiex nattendu bi ħġarna.**

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*

## GRAZZJI MAQLUGĦA

**N.N. minn Ħal Għaxaq kitbet hekk:** Jiena niddikjara illi oħti fis-27 ta' Jannar 2002 welldet tarbija. It-tobba qalulha li kienet tbati minn b'celebral palsy u li ma kien hemm ebda tama li tgħix.

It-tifla kellha tube minn imneħirha u mbagħad sarilha tube mill-istonku peress li ma setgħetx tingħata tixrob b'mod normali. Bdiet tbati minn chest infections u ta' tmien xhur it-tobba riedu jagħmlu test tar-reflux biex jaraw jekk il-ħalib kienx qed jinżel fil-pulmun u jikkawża dawn l-infections. Fil-każ li t-test ikun posittiv kienet ser tiġi operata sabiex it-tarbija jingħalqilha l-istonku darba għal dejjem.

Jiena ma nsuqx imma dakinhar li kellu jsir it-test kelli nitla' l-Girgenti flimkien ma' grupp ta' devoti tal-Madonna. Ħtaft l-opportunita kif kont hemm u tlabt għat-tifla. Waqt il-laqgħa fil-Girgenti aħna nippreżentaw qronfol lill-Madonna u dakinhar meta mort l-isptar lit-tifla ħadtilha qronfla roża u għidtilha, "Din bagħtithielek il-Madonna tal-Girgenti." It-test ħareġ negattiv u għalhekk l-operazzjoni ma saritx.



It-tifla baqgħet tbati minn chest infections u allura sitt xhur wara it-tobba reġgħu issuġġerew li jsir it-test għax qalulna li kulmin ikun ikollu dawn is-sintomi bilfors li jkollu reflux.

Reġa ġara li ħaddieħor reġa ddeċieda għalija, għaliex dakinhar tat-tieni test nerġa nitla l-Girgenti ħdejn il-Madonna peress li reġgħet ġiet organizzata private oħra. Jiena erġajt tlabt u erġajt ħadt qronfla oħra roża lit-tifla u erġajt għidtilha, "Din bagħtithielek il-Madonna tal-Girgenti." It-tobba stagħaġbu għaliex it-test reġa ħareġ negattiv u l-operazzjoni baqgħet ma saritx.

Fl-10 ta' Frar 2004 it-tifla marret ħdejn il-Madonna. Ġara li dakinhar jiena kont ħdejn it-tifla flimkien mal-ġenituri tagħha. Kont qed inżommilha l-maskra għaliex it-tifla kienet anka tingħata l-morfina sabiex titnaqqsilha t-tbatija. Jiena lit-tifla għidtilha, "Illum il-Madonna ser tiġi u tieħdok magħha." Għidtilha wkoll, "Illum inti ser toħodilha l-qronfla lill-Madonna."

Ftit wara t-tifla fetħet għajnejha u għolliet idejha t-tnejn 'l fuq qisu xi ħadd ser jaqbadha biex jerfagħha. Tul il-ħajja qasira tagħha qatt ma niftakar li kienet għolliet idejjha it-tnejn 'l fuq u dan kaġun tal-marda li kienet tbati minna. Dan tixhdu ommha wkoll. Dak il-ħin it-tifla marret tiltaqa' mal-Mulej u mal-Madonna.

Interessanti wkoll li meta t-tifla ġiet imkeffna, xi ħadd li ma nafux min u għaliex, poġġielha f'idejha tliet qronfliet, tnejn roża bħal dawk li kont noħdilha jiena u waħda bajda. Ħadd ma kien jaf bil-qronfol li kont nieħu jien.

Wara sentejn mill-mewt tagħha kien ser jinfetaħ il-qabar biex jitnaddaf u l-ġenituri xtaqu li jkunu preżenti sabiex jaraw il-fdalijiet ta' binthom. Ħaġa ta' l-għaġeb li l-qronfol kien għadha żżommhom f'idejha, kienu nixfu sħaħ bla ma tfarrku u baqgħu f'idejha.

Għalkemm it-tifla ma għadhiex magħna, imma aħna xorta nirringrazzjaw lil Alla għaliex skond kliem it-tobba din it-tifla ma kellha tgħix xejn. Huma stess kienu jsejħulha 'miracle baby', imma Alla tana ċ-ċans li ngawduha għal sentejn. Apparti minn hekk, nemmnu li l-Mulej b'interċessjoni tal-Madonna kien skansalha l-operazzjoni li kienet ser tikkawżalha tbatija kbira u li anka t-tobba kienu qalulna li hemm ċans qawwi li t-tifla ma tkunx tiflaħ għall-operazzjoni u tibqa' taħta.

Żgur li ma kienx kumbinazzjoni li t-test sar darbtejn u darbtejn ħareġ negattiv u lanqas ma kienet kumbinazzjoni li kullmeta kellu jsir it-test jiena sibt ruħi l-Girgenti ghax ħaddieħor, bla ma kien jaf xejn, kien jorganizza privates proprju f'dawk iż-żewġ ġranet hekk importanti.